

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vision Research Europe BV

Konvenut: Inspecteur van de Belastingdienst/Douane kantoor Rotterdam Rijnmond

Domanda preliminari

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2014⁽¹⁾, tal-4 ta' Frar 2014, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, huwa validu jekk, hekk kif hija tal-fehma ir-Rechtbank (qorti) f'dan l-istadju, is-subintestatura 8525 80 30 għandha tiġi interpretata fis-sens li tista' tiġi kklassifikata fiha il-kamera, [Phantom V7.3], li għandha memorja volatili, bil-konsegwenza li r-reġistrazzjoni ta' immaġini fil-kamera jintilfu meta tittieħed immaġni oħra jew meta l-kamera tintefa?

⁽¹⁾ ĠU 2014, L 38, p. 20.

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-26 ta' Ġunju 2017 –
Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie, K, B, partijiet oħra: H.Y., Staatssecretaris van Veiligheid en
Justitie**

(Kawża C-380/17)

(2017/C 300/22)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie, K, B

Konvenuti: H. Y., Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224) u tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan, C-583/10, EU:C:2012:638, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari tal-qorti Olandiżi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva f'kawża li tirrigwarda d-dritt ta' residenza ta' membru tal-familja ta' benefiċjaru tal-protezzjoni sussidjarja jekk, fid-dritt Olandiż, din id-direttiva ġiet iddikjarata direttament u inkundizzjonalment applikabbli għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja?
- 2) Is-sistema tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224) tipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skont din talba għal teħid inkunsiderazzjoni fid-dawl ta' riunifikazzjoni tal-familja abbażi tad-dispożizzjonijiet iktar favorevoli tal-Kapitolu V ta' din id-direttiva tista' tiġi miċħuda unikament għaliex ma tressqit fit-terminu msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tagħha?

Għal risposta għal din id-domanda, huwa importanti li jkun possibbli, f'każ ta' qbiż ta' dan it-terminu, li jiġi introdott, irrispettivament jekk wara çahda jew mhux, applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, li fil-kuntest tagħha l-osservanza tal-kundizzjonijiet magħmula mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/86/KE hija evalwata u l-interessi u ċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 5(5) kif ukoll fl-Artikolu 17 tal-istess test jittieħdu inkunsiderazzjoni?